MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 380/2007

**A B**
**vs**
**C B nee D, l-Avukat Dottor Richad Sladden u l-Prokuratur Legali Louise Tufigno bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri E B, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, u F G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi hu u l-intimata C B nee D zzewgu fis-7 ta’ Settembru 2005;

Illi ftit xhur wara, fl-10 ta’ Jannar 2006, huma sseparaw, u ilhom de facto separati minn dakinhar sallum;

Illi fit-2 ta’ Awissu 2007 gewwa Victoria, Ghawdex, l-intimata welldet lill-minuri E, u dan skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid numru 190/07 (Dok. A), li fih ir-rikorrent gie mnizzel bhala l-missier tal-imsemmi minuri;

Illi minn mindu sseparaw il-kontendenti konjugi B qatt ma regghu ghammru flimkien, u lanqas qatt ma rega’ kellhom rapporti intimi bejniethom;

Illi l-intimata C D kellha relazzjoni intima ma’ l-intimat l-iehor F G, u skond testijiet medici illi saru jirrizulta li huwa l-missier naturali tal-minuri;

Illi ghaldaqstant l-imsemmi minuri E B mhux it-tifel naturali tar-rikorrent;

Illi ghalhekk bil-prezenti r-rikorrent qieghed jezercita l-jedd li ghandu li jichad lill-minuri E B bhala t-tifel tieghu;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri E B mhux il-wild naturali tar-rikorrent, u konsegwentement;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-att tat-twelid ta’ E B bin-numru 190/07, billi jigu kancellati minn kull fejn jinsabu fl-imsemmi att, il-konnotati kollha tar-rikorrent A B, u l-istess jigu sostitwiti b’ dak it-taghrif li din il-Qorti jidrilha xieraq, kif ukoll li jigu kancellati l-kliem “the said” mill-kolonna fejn hemm imnizzla d-dettalji ta’ l-omm fl-istess att u li l-kliem “B” fil-kolonna intestata ‘isem il-wild’, tigi sostitwita bil-kelma G.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu r-risposti taghhom fid-dettall fi stadju ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku:

1. Illi preliminarjament id-Direttur tar-Registru Pubbliku (Malta) mhux il-legittimu kontradittur ai termini tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li l-Att tat-Twelid relattiv hu registrat fir-Registru Pubbliku (Ghawdex) u ghalhekk l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-intimat F G sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fil-kolonni rispettivi fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, ir-rikorrent ghandu jitlob li jekk jintlaqghu t-talbiet attrici ghadhom jigu kkancellati l-kliem “the said” minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettalji ta’ omm it-tarbija u jehtieg li l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B li biha rrispondiet:

1. Illi hija taqbel ma’ l-ewwel talba in kwantu l-minuri E B mhux il-wild naturali tar-rikorrent, stante li l-missier naturali huwa F G;

2. Illi hija taqbel mat-tieni talba stante li hemm bzonn ta’ korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ E B numru 190/07, sabiex dan jirrifletti l-verita’, ossia li l-missier naturali huwa F G u mhux A B.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut F G li biha rrisponda:

1. Illi huwa jaqbel ma’ l-ewwel talba in kwantu l-minuri E B mhux il-wild naturali tar-rikorrent, izda huwa ibnu minn relazzjoni li huwa kellu mal-intimata C D;

2. Illi huwa jaqbel mat-tieni talba stante li hemm bzonn ta’ korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ E B numru 190/07, sabiex il-paternita’ tieghu fuq il-minuri tigi korrettament riflessa, u jzid inoltre li jehtieg li l-kunjom tal-istess minuri jigi jaqra “G” minflok “B”, kif ukoll il-kliem “the said” mill-kolonna fejn hemm imnizzla d-dettalji ta’ l-omm, ghandhom jigu kancellati jekk jintlaqghu it-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavids tal-partijiet;

Rat ir-rapport[1] tat-testijiet tad-DNA maghmula mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar, minnhom debitament mahluf;

Rat in-nota[2] prezentata mill-attur li permezz taghha rtira t-tieni talba tieghu;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-minuri ‘E’ registrat that il-kunjom ‘B’ u li twieled fit-2 ta’ Awissu 2007, mhuwiex il-wild naturali tieghu.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attur u l-konvenuta C B kienu zzewgu fis-7 ta’ Settembru 2005, izda sussegwentement isseparaw de facto fl-10 ta’ Jannar

[1] Fols.48 *et seq.*
[2] Fol.56

2006 u minn dak iz-zmien il-quddiem qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom.

Ghal habta ta' Novembru 2006 il-konvenuta C B dahlet f' relazzjoni mal-konvenut F G, u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri E fit-2 ta' Awissu 2007.

Illi r-rapport tat-testijiet tad-DNA prezentati, jaghtu konfort lit-tesi ta' l-attur li l-minuri E B mhuwiex il-wild naturali tieghu, izda huwa l-wild bijologiku tal-konvenut F G.

Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur, u tiddikjara li l-imsemmi E B li twieled fit-2 ta' Awissu 2007 mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament u fi kwoti wgwali bejn il-konvenuti C B u F G.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------